**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum **l-Erbgha 24 ta' Lulju, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian Abdilla)**

**vs**

**Marie-Fleur (Maria) Hili**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif korretti b'digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Dicembru 2004 - migjuba kontra:

Marie-Fleur (Maria) Hili ta' 35 sena, mart Andrew, bint Roger Mizzi u Maria Dolores nee' Perini, imwielda Attard fit-12.09.1969, u li toqghod fl-indirizz: 'England', 113, Triq Sant' Antnin, San Pawl il-Bahar, detentrici tal-karta tal-identita' numru 448369M

Akkuzata talli:

1. Fid-29 ta' Novembru 2001 u f'data precedenti, gewwa Attard u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq

iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' Lm2894.45 bi hsara tas-socjeta Pharmabart Limited.

2. Talli fl-istess cirkustanzi, ghamlet falsifikazzjoni fi skrittura kummercjali, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

3. Talli fl-istess cirkustanzi, approprijat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, is-somma ta' Lm2894.45, li giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz taghha.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali fit-8 ta' Awwissu 2005, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

(a) Fl-artikoli 18, 308, 309, 310 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-artikoli 18 u 183 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-artikoli 18 u 184 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kodici Kriminali.

Semghet lill-imputata tiddikjara li ma kellhix oggezzjoni sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Rat ir-rikors kongunt tad-9 ta' Lulju 2019 tal-Avukat Generali u tal-imputata ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn iz-zewg rikorrenti konguntivament, filwaqt li ddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini tal-artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali, talbu lil din il-Qorti illi fl-eventwalita' prospettata u maqbula bejn il-

partijiet li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzata Marie Fleur Hili ghall-imputazzjonijiet dedotti kontriha, din il-Qorti timponi fuq ir-rikorrenti Marie Fleur Hili ordni ta' servizz fil-kommunita fit-termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodu ta' mitejn u hamsin siegha fi zmien sentejn u dan oltre l-hlas tal-ispejjez peritali kollha inkorsi f'dan il-kaz, u kwalsijasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2019, din il-Qorti iddikjarat illi hija sodisfatta illi l-mizura mitluba fir-rikors kongunt hija tali illi jkun legittimu li hija timponi mas-sejbien tal-htija ghar-reat li dwaru l-imputata tkun ammettiet il-htija.

Fl-istess seduta, din il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem car xi jkunu l-konsegwenzi f'kaz li hi tirregistra ammissjoni u l-imputata iddikjarat li lesta li taderixxi mal-ordni ta' servizz fil-komunita imsemmi fir-rikors.

Sussegwentement fl-istess seduta, l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputata stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha.

Il-Qorti tirrileva li ma gewx mahtura periti fil-proceduri odjerni, u konsegwentement ma gew inkorsi l-ebda spejjez peritali li jridu jigu rimborsati mill-imputata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 183, 184, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tar-reati kollha kontemplati fl-artikoli indikati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-8 t'Awwissu 2005, u qieghda, ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggiha taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita billi taghmel xoghol bla hlas ghal mitejn u hamsin (250)

siegha fi zmien sentejn, f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tiddikjara li din is-sentenza qieghda tigi hekk moghtija fuq talba tal-partijiet ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**